8 ta' Marzu, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Copperstone *versus* Henry Crockford et.

**Mandat — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Rifużjoni ta' Kera Eċċessiv — Integrità tal-Ġudizzju — Liberazzjoni "ab observantia" — Amministrazzjoni — Art. 1966 u 1967 (a) (b) tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-poteri tal-mandatarju jiddependu mil-limiti tal-mandat, jiġifieri mill-volontà tal-mandant; u hu magħruf li l-mandant jikkonferixxi taċitament lill-mandatarju l-poter li jagħmel dak kollu li jkun neċessarju u konvenjenti għall-eżekuzzjoni tal-oġġett prinċipali tal-mandat, u li jagħmel dawk l-atti li huma aċċessorji u komplementari ta' dak l-oġġett prinċipali. U għall-eżekuzzjoni tal-mandat il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament, kif ukoll jiġi konvenut, f'isem il-mandant f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari fil-mandat, sakemm il-mandant jkun assenti mill-Gżira.*

*Għaldaqstant, il-mandatarju li għandu l-inkariku li jamministra eredità li fiha huwa nteressat il-mandant, jista' jirrappreżenta bħala konvenut f'kawża lill-mandant, jekk il-meritu tal-kawża jirrigwarda att ta' dik l-amministrazzjoni, bħal ma hu dak ta' riċeviment ta' kera eċċessiv ta' fond li jappartjeni lil dik l-eredità; u għalhekk, fil-kawża li l-attur jagħmel għar-rifużjoni ta' dak il-kera eċċessivament imħallas, il-mandatarju ma jistax jissolleva l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tiegħu billi jallega illi fil-prokura li għamillu l-mandant ma jingħadx espressament li hu għandu l-fakoltà li jirrappreżenta lill-kostitwent tiegħu fil-ġudizzju.*

*Meta talba għar-rifużjoni ta' kera mħallas eċċessivament hija diretta kontra diversi komproprjetarji, imma ma tintalabx il-kundanna solidali tagħhom għal dik ir-rifużjoni, il-ġudizzju huwa integru anki jekk ma*

*jkunux imħarrkin il-komproprjetarji kollha; għax il-ġudizzju huwa integru almenu fil-konfront ta' dawk il-komproprjetarji li ġew imħarrkin; u għalhekk ma hemmx lok għall-liberazzjoni ta' dawk il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, anki jekk ikun hemm interessati oħra, billi dawk li huma konvenuti huma leġittimi kontraditturi għall-porzjoni tagħhom, u jistgħu jiġu kundannati jħallsu s-sehem tagħhom mis-somma mitluba.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li jippremetti illi b'sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera mogħtija fit-18 ta' Ġunju 1954, u li kopja tagħha qegħdha tiġi hawn unita u markata dok. "A", il-kera tal-fond nru. 32 High Street, Sliema, mikri lilu, ġie ridott għal £22 fis-sena mill-1 ta' Marzu 1954, u, jekk il-lokazzjoni saret wara l-1 ta' Ottubru 1944, ir-riduzzjoni għandha sseħħ mill-bidu tal-kirja; u illi l-kirja fuq imsemmija bdiet fil-25 ta' Awissu 1946, u l-kera oriġinarjament kien ta' £25 fis-sena, u għalhekk sal-24 ta' Awissu 1954 il-konvenuti, skond l-imsemmija sentenza, għandhom jirrifondulu s-somma ta' £24; u illi l-konvenuti, għalkemm interpellati b'ittra uffiċjali preżentata fil-31 ta' Lulju 1954, għadhom sal-lum ma rrifondewlux l-imsemmija somma; jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsuħ is-somma fuq imsemmija ta' £24, dovuta lilu bħala kera mħallas żejjed minnu għall-post numru 32, High Street, Sliema, għall-perijodu mill-25 ta' Awissu 1946 sal-24 ta' Awissu 1954, skond is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera fuq imsemmija, markata dok. "A"; salv kull dritt tiegħu għall-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija, deċiża mill-Board li Jirregola l-Kera fl-ismijiet tal-kawża odjerna fit-18 ta' Ġunju 1954. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Lulju 1954, u bl-imgħaxijiet legali middata tan-notifika tal-ittra uffiċjali. Il-konvenuti ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jesponu illi, qabel xejn, il-konvenut Henry Crockford mhu-

wiex persuna leġittima biex jirrappreżenta l-imsiefrin Carolina Marks u Dr. William Flynn, għaliex fil-prokura li għandu ma ġiex espressament awtorizzat jirrappreżentahom fil-ġudizzju (dok. A); illi, sekondarjament, il-konvenuta Mary armla ta' *Henry Flynn* mhijiex komproprjetarja tal-fond in kwistjoni, u għalhekk messha qegħdha tidher in rappreżentanza u bħala kuratriċi "ad litem" ta' bintha minuri Rose Mary; barra minn hekk, f'din il-kawża ma dehrux it-tfal maġġjorenni tal-mejjet Henry Flynn, li huma Frank u Lawrence; u lanqas ma ġiet imħarrka Suor Caterina, fis-seklu Edwina Flynn, li għandha sehem ukoll f'dan il-post; illi għalhekk it-talba attriċi mhix sostenibbli,għaliex ma ġietx magħmula fil-konfront tal-interessati kollha, u l-lum dawn ma jistgħux jiġu msejħa fil-kawża biex jiġi sanat difett li jippervjeni mill-ġudikat tal-Board li Jirregola l-Kera. Inoltri, il-kreditu hu diviżibbli; u billi sehem kull wieħed *mill-interessati* hu inferjuri għal £10, messha ġiet adita l-Qorti Inferjuri. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 1956, li biha rrespinġiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, billi ddikjarat li l-ġudizzju mhux integru, u hekk illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi, dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-estensjoni tal-poteri tal-mandatarju tiddependi mill-limiti tal-mandat (art. 1966 Kod. Ċiv.), jew, *fi kliem ieħor, mill-volontà* tal-mandant. Hu magħruf li kull mandant jikkonferixxi taċitament lill-mandatarju l-poter li jagħmel dak kollu li jkun neċessarju u konvenjenti għall-eżekuzzjoni tal-oġġett prinċipali tal-mandat, u li jagħmel dawk l-atti li huma aċċessorji u komplementari ta' dak l-oġġett prinċipali. L-oġġett prinċipali *tal-mandat mogħti lill-konvenut* Henry Crockford hu dak li jillikwida l-assi ereditarju tal-mejtin Francis u Caterina ġà miżżewġin Flynn; u biex jespleta dan il-mandat Henry

Crockford ġie mogħti fakoltajiet speċjali, fosthom dik li jamministra l-beni mobili u immobili ta' dawk l-ereditajiet sal-effettiva diviżjoni tagħhom (fol. 8 tal-proċess). Issa, għall-eżekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jagixxi ġudizzjarjament (art. 1967 (1) Kod Ċivili), kif ukoll jista' jkun konvenut f'isem il-mandant f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari fil-mandat (art. 1967 (2) Kod. Ċiv.), sakemm il-mandant ikun assenti mill-Gżira (art. 1968 Kod. Ċiv.);

Għalhekk, ladarba l-konvenut Henry Crockford għandu l-fakoltà mill-mandanti tiegħu, li huma assenti minn Malta, li jamminstra l-ereditajiet fuq imsemmijin, u mhux kontestat li l-meritu ta' din il-kawża jirrigwarda att ta' din l-amministrazzjoni, l-istess konvenut jista' jirrappreżenta lill-mandanti tiegħu f'din il-kawża. Anzi, ġie ritenut minn dina l-Qorti ilii, min hu inkarigat biex jieħu ħsieb tal-proprjetà ta' persuna msiefra u jdaħħal il-kera ta' dik il-proprjetà, għandu jiġi kunsidrat bħala mandatarju tal-persuna msiefra f'din l-amministrazzjoni, u bħala tali għandu l-poter jiddefendi l-persuna msiefra f'kawża fejn tintalab ir-rifużjoni ta' kera eċċessiv li huwa jkun daħħal fl-isem tal-persuna msiefra, u huwa hu persuna leġittima biex jikkontesta dik it-talba (Vol. XXXVI-II-528) — każ dan simili għal dak taħt konsiderazzjoni, bid-differenza li f'dan il-każ l-imsemmi konvenut għandu l-fakoltà espressa li jamministra l-beni;

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ma treġix;

Illi bit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti jallegaw illi l-ġudizzju mhux integru. Din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa. Mid-dokument fol. 8 tal-proċess, mill-provi u mid-dibattitu orali, jirriżulta li fil-lokazzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni hija nteressata wkoll, bħala komproprjetarja, Suor Caterina tal-Ordni ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni, fis-seklu Edwina Flynn, oħt Jessie Crockford, Carolina Marks u Dr. William Flynn, u illi l-konvenuti Carolina Marks u Mary armla Flynn ma għandhomx interess fil-proprjetà tal-imsemmi fond; tal-ewwel għaliex sehemha

minn dak il-fond ittrasferietu lill-oħtha Jessie Crockford fis-17 ta' Gunju 1947; u l-oħra għaliex is-sehem mill-fond kien jappartjeni lill-żewġha Henry Flynn, li bil-mewt tiegħu għadda għand l-eredi tiegħu, uliedu Frank, Lawrence u Mary Rose. Din iċ-ċirkustanza turi li huma dawn it-tliet itfal li għandhom ukoll interess f'din il-kawża. Għalhekk, fin-nuqqas tal-preżenza tal-imsemmijin Suor Caterina Flynn, bint il-mejjet Francis, u ta' Frank, Lawrence u Mary Rose, aħwa Flynn, uljed il-mejjet Henry, il-ġudizzju mhux integru; u l-kjamata fil-kawża tagħhom ma tistax issir, ladarba hemm oppożizzjoni mill-konvenuti (Vol. XXXIV-III-889);

L-attur jissottometti illi bil-fatt li Henry Crockford u Mary Flynn aċċettaw li jkunu leġittimi kontradittturi fil-kawża quddiem il-Board tal-Kera, huma espónew ruħhom irrevokabbilment għall-istanza odjerna. Din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli; għaliex, apparti kull konsiderazzjoni oħra, jibqa' dejjem li Suor Caterina Flynn ma kienetx parti fil-kawża quddiem dak il-Board, u Mary Flynn ma kienetx il-leġittima kontradittriċi tal-attur f'dik il-kawża, u għalhekk id-deċiżjoni relattiva fil-konfront tagħha hi ineżistenti. L-attur jista' talvolta jkollu azzjoni kontra l-imsemmija Mary Flynn għad-danni fil-każ li jiġi ritenut li hija kien messha iddeklinat il-kwalità tagħha ta' komproprjetarja tal-fond meta ġiet notifikata quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, biex turi li ma kellhiex interess f'dak ir-rikors;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn irrespinġiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom, u billi tiġi revokata f'dik il-parti fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-ġudizzju mhux integru, u jiġi konsegwentement deċiż għat-tenur tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza appellata ġiet qabel xejn respinta l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-appellat Henry Crockford mhuwiex persuna leġittima biex jirrappreżenta l-imsiefrin Carolina Marks u Dr. William Flynn, u ġie ritenut li l-imsemmi konvenut Henry Crockford huwa persuna leġittima biex jikkontesta t-talba dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni fl-interess tal-imsemmijin Marks u Dr. Flynn. Mix-xhieda tal-appellat Crockford, u mid-dokument fil-fol. 52 tal-proċess, jirriżulta li l-fond imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni jappartjeni kwantu għal żewġ kwinti (2/5) lill-konvenuta Jessie Crockford, u kwantu għal tliet kwinti (3/5) oħra, kwint kull wieħed, lill-Dr. William Flynn, leġittimament rappreżentat f'dan il-ġudizzju mill-konvenut Henry Crockford, lil Suor Caterina fis-seklu Edwina Flynn, u lill-werrieta ta' Henry Flynn. Irriżulta wkoll, mix-xhieda tal-istess Henry Crockford, li huwa ilu jamministra l-imsemmi fond mill-1946; u mid-dokument fil-fol. 24 jidher li l-lokazzjoni ta' dak il-fond ġiet magħmula lill-appellant f'Awissu tas-sena 1946, u għalhekk, preżumibbilment, mill-appellat Henry Crockford;

Ikkunsidrat;

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni ma ġietx mitluba l-kundanna solidali tal-konvenuti għall-ħlas tas-somma hemm indikata, u, kif sewwa ġie rilevat fil-petizzjoni tal-appell, il-ġudizzju hu integru, almenu fil-konfront ta' dawk il-konvenuti li għandhom parti mill-fond in kwistjoni; u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillibera "ab observantia", għaliex dawk il-konvenuti, anki jekk hemm interessati oħra, huma leġittimi kontradittturi għall-porzjoni tagħhom, u jistgħu jiġu kundannati jħallsu s-sehem tagħhom mis-somma mitluba;

Dan qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju tal-kwistjonijiet l-oħra nvoluti fin-noti tal-osservazzjoni rispettivi tal-kontendenti, u partikolarment tal-pretensjoni tal-appellant li l-konvenut Henry Crockford huwa tenut għas-somma ntiera minnu nkassata, u ta' dik sollevata mill-appellati

bin-nota tagħhom fil-fol, 85 tal-proċess dwar ir-responsabbilità esklużiva tal-istess Henry Crocford, billi l-inkassi eċċessivi li huwa għamel huma kontra l-liġi, u l-lokazzjoni b'kera eċċessiv ġiet minnu magħmula. Hu ċar li, jekk taħt dawn iż-żewġ aspetti Henry Crockford hu tenut għas-somma ntiera, il-preżenza tiegħu biss tkun suffiċjenti biex tintegra l-ġudizzju;

Billi din il-Qorti, bis-saħħa tal-art. 231(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sejra tibgħat lura l-kawża lill-Ewwel Qorti, il-kwistjonijiet fuq imsemmijin huma rimessi għat-trattazzjoni u definizzjoni quddiem l-Ewwel Qorti; u dan qiegħed isir anki għar-raġuni biex il-partijiet ikollhom il-vantaġġ tad-doppju eżami;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka fil-kap devolut lil din il-Qorti s-sentenza appellata; u konsegwentement tirrespinġi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u għalhekk tirrevoka l-liberatorja "ab observantia" b'dik is-sentenza ordnata; salva r-riżerva tal-kwistjonijiet fuq imsemmijin. L-ispejjeż taż-żewġ *istanzi relattivi għall-inċident jitħallsu mill-konvenuti* appellati;

U tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni.